MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 93/2005

**Avukat Dottor David Tonna bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera *Nike International Limited***

***Versus***

**Avukat Dottor Saviour Brincat u Prokuratriċi Legali Liliana Buhagiar b'dikriet tat-3 ta' Marzu 2005 maħtura kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera *XXX9999 Sarl Kenza Com*; u b'dikriet tat-13 ta' Jannar 2006 l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami nħatar kuratur flimkien mal-Prokuratriċi Legali Liliana Buhagiar**

Din il-kawża hija dwar proprjetà industrijali.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi s-soċjetà attriċi hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju *NIKE* u l-markju distintiv magħruf bħala *Swoosh Design*, li tqegħedhom fuq diversi prodotti maħduma minnha, bħal ħwejjeġ ta' lbies, żraben sportivi, brieret u prodotti oħra.

Is-soċjetà attriċi għandha wkoll dritt ta' proprjetà industrijali ta' l-istess markji *NIKE* u *Swoosh Design* fil-komplessità tagħhom irreġistrati fir-Reġistru tal-Markji f'Malta taħt *Trademark Nº* 17123 u *Trademark Nº* 17125, u għandha ukoll id-drittijiet ta' l-awtur fuq id-disinn jew xogħol artistiku *Swoosh Design*, dan kollu taħt l-art. 2 ta' l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) [Kap. 414]. Il-markju *Swoosh Design* huwa wkoll irreġistrat bhal *trademark* komunitarja ma' l-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta' l-Unjoni Ewropeja taħt numru 000277632 (*Swoosh Design — outline form*) u numru 000277517 (*Swoosh Design — solid form*).

Fit-18 ta' Diċembru 2004 iddaħħlet ġewwa Malta fuq il-vapur *MV CMA-CGM Puccini*, u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles, konsenja ta' sitt elef (6,000) par żraben sportivi li jġibu l-markju *NIKE* u l-markju distintiv *Swoosh Design*, b'*container* numru CLHU 3055179, bi ksur tal-projibizzjoni ta' l-art. 4 tal-Kap. 414 għax dawn iż-żraben ma humiex ġenwini.

Il-polza ta' karigu numru TJN105411 turi li l-konsenjatarji ta' dawn iż-żraben sportivi huma s-soċjetà konvenuta u turi wkoll illi *shipper* hija s-soċjetà *TJN1111 Mediteran Transportation Co. China*.

Id-dħul ġewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni għal-ċirkolazzjoni ħielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' oġġetti li bihom jinkiser dritt ta' proprjetà intellettwali huwa projibit taħt l-art. 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dawn iż-żraben jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi skond l-art. 2(l)(*a*)(i), (ii) u (iii) u l-art. 2(1)(*b*) tal-Kap. 414, u skond l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-azzjonijiet li tieħu d-dwana kontra prodotti li dwarhom hemm suspett li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intelletwali u l-mizuri li jridu jittieħdu kontra prodotti li jinstabu li jiksru dawk id-drittijiet.

Din il-konsenja ta' żraben sportivi bħalissa hija miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taħt il-provvedimenti tal-Kap. 414 wara li s-soċjetà attriċi għamlitlu talba bil-miktub u

tatu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jiddeċiedi dwar il-każ.

Għal dawn ir-raġunijiet is-soċjetà attriċi talbet illi l-qorti:

1. tgħid illi ż-żraben sportivi *de quibus* li nqabdu mill-Kontrollur tad-Dwana huma oġġetti falzifikati jew imdaħħla b'piraterija skond l-art. 2(l)(*a*) u (*b*) tal-Kap. 414;

2. tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles mis-soċjetà konvenuta ta' din il-konsenja ta' żraben sportivi li bħalissa hija maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana tikser id-dritt ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi għax iż-żraben ma humiex ġenwini, skond l-art. 2(l)(*a*)(i), (ii), (iii) u (*b*) tal-Kap. 414 u għaldaqstant tikser l-art. 4 ta' l-istess liġi dwar it-*trademarks* reġistrati f'isem is-soċjetà attriċi bin-numri 17123 u 17125 fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta, u/jew dwar id-drittijiet ta' l-awtur illi s-soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha *Swoosh Design*;

3. tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen hieles ta' din il-konsenja ta' żraben sportivi tikser l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-*trademarks* reġistrati f'isem is-soċjetà attriċi bin-numri 17123 u 17125 fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta, u/jew dwar ir-reġistrazzjonijiet tat-*trademarks* komunitarji numru 000277632 (*Swoosh Design — outline form*) u numru 000277517 (*Swoosh Design — solid form*) reġistrati f'isem is-soċjetà attriċi, skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 fuq it-*trademark* komunitarja (ta' l-Unjoni Ewropeja)), u/jew dwar id-drittijiet ta' l-awtur illi s-soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha *Swoosh Design*;

4. għalhekk tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-soċjetà attriċi sabiex jeqirdu ż-żraben sportivi fuq imsemmija mingħajr ebda kumpens lis-soċjetà konvenuta u minn flusha, skond l-art. 8 tal-Kap. 414;

5. tagħti lis-soċjetà attriċi kull rimedju iehor li jista' jingħata taħt il-Kap. 414 u/jew taħt ir-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003;

6. tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-ġarr, tal-ħażna, u tal-qerda taż-żraben sportivi fuq imsemmija, l-ispejjeż ta' l-uffiċjali tad-dwana, l-ispejjeż tal-

garanzija bankarja maħruġa mis-soċjetà attriċi favur il-Kontrollur tad-Dwana skond il-Kap. 414, u l-ispejjeż tal-kawża.

Il-kuraturi maħturi biex jidhru għas-soċjetà konvenuta stqarrew illi ma jafux il-fatti tal-każ.

Mix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi jidher illi din tassew għandha d-drittijiet ta' proprjetà industrijali msemmija fiċ-ċitazzjoni.

Ġara illi fit-18 ta' Diċembru 2004 daħlet f'Malta miċ-Ċina f'*container* fuq il-vapur *MV CMA-CGM Puccini* konsenja ta' żraben sportivi li kellhom markju maħsub biex juri li kienu magħmula mis-soċjetà attriċi jew għas-soċjetà attriċi. Billi kien hemm suspett illi ż-żraben ma kinux ġenwini, għax ma kinux tassew magħmula mis-soċjetà attriċi jew għaliha, il-konsenja nżammet mid-dwana sakemm issir analiżi fuqha. Din l-analiżi saret minn Elena Pigozzi u din sabet illi, għalkemm il-markji fuq iż-żraben jixbhu ħafna lil dawk tas-soċjetà attriċi, fuq iż-żraben infushom kien hemm differenzi biżżejjed fil-kwalità tax-xogħol u tal-materjal illi juru bi żgur illi ż-żraben ma nħadmux mis-soċjetà attriċi jew għaliha.

Fil-fehma tal-qorti għalhekk iż-żraben fil-konsenja fuq imsemmija ma humiex ġenwini u l-markji ta-soċjetà attriċi tqiegħdu fuqhom bi ksur tal-liġi; għalhekk it-talbiet tas-sċojeta attriċi għandhom jintlaqgħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. tilqa' l-ewwel talba billi tgħid illi ż-żraben sportivi *de quibus* li nqabdu mill-Kontrollur tad-Dwana huma oġġetti falzifikati jew imdaħħla b'piraterija;

2. tilqa' t-tieni talba billi tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles mis-soċjetà konvenuta tal-konsenja ta' żraben sportivi li bħalissa hija maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana tikser id-dritt ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi għax iż-żraben ma humiex ġenwini, skond l-Artikolu 2(l)(*a*)(i), (ii), (iii) u (*b*) tal-Kap. 414 u għaldaqstant tikser l-art. 4 ta' l-istess liġi dwar it-*trademarks* reġistrati f'isem is-soċjetà attriċi bin-numri 17123 u 17125 fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta, u/jew dwar id-drittijiet ta' l-awtur illi s-soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha *Swoosh Design*;

3. tilqa' t-tielet talba billi tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen hieles ta' din il-konsenja ta' żraben sportivi tikser l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-*trademarks* reġistrati f'isem is-soċjetà attriċi bin-numri 17123 u 17125 fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta, u/jew dwar ir-reġistrazzjonijiet tat-*trademarks* komunitarji numru 000277632 (*Swoosh Design — outline form*) u numru 000277517 (*Swoosh Design — solid form*) reġistrati f'isem is-soċjetà attriċi, skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 fuq it-*trademark* komunitarja (ta' l-Unjoni Ewropeja), u/jew dwar id-drittijiet ta' l-awtur illi s-soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha *Swoosh Design*.

4. tilqa' r-raba' talba billi tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-soċjetà attriċi sabiex jeqirdu ż-żraben sportivi fuq imsemmija mingħajr ebda kumpens lis-soċjetà konvenuta u minn flusha, skond l-art. 8 tal-Kap. 414;

5. tilqa' s-sitt talba billi tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-ġarr, tal-ħażna, u tal-qerda taż-żraben sportivi fuq imsemmija, l-ispejjeż ta' l-uffiċjali tad-dwana, u l-ispejjeż tal-garanzija bankarja maħruġa mis-soċjetà attriċi favur il-Kontrollur tad-Dwana;

6. ma tqisx il-ħames talba billi ma huwiex meħtieġ rimedju ieħor.

Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------